**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 6-14

**Data:** 29 ta' Mejju 2014

**Hin:** 5:00pm

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

Maria Sultana – Kunsilliera , giet skuzata peress li kienet imsiefra.

# MINUTI

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop ppresediet.

TALBA

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop qalet it-talba.

1. QARI TAL-MINUTI

**Il-Minuti gew reveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgha u kulhadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti ohra li kellhom jigu mqajjma dwar il-laqgha li saret f'April 2014.**

2. ***Il-Minuti gew mqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Paul Bongailas.***

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop regghet qajjmet il-punt tal-kaz ta' resident li fil-minuti precedenti kien gie deciz illi dan l-istess resident ma kellux ragun dwar l-ittra li kien bghat biex jiehu kumpess minhabba li kien qatta t-tyres tal-karozza tieghu go hofra fil-lokalita' tal-Kalkara. Hija

tablet lill-Kunsilliera kollha biex jiehdu vot dwar din id –decizjoni ghaliex wara li kienet hadet parir legali hija rat illi qabel kienet ittiehdet decizjoni minghajr ebda bazi legali.

Is-Sindku u il-Kunsilliera qablu biex minn naha tal-Kunsill ghandu jinstab kompromess ma dan ir –resident u inhallsuh b'cheque ta 300 euro u l-kaz ma jitlax il-qorti.

3.2 Is-Sindku infrumat lill Kunsill illi il-bring in sites li hemm fi Triq is-Salvatur kienu ser jitnizzlu aktar l-isfel fl-istess triq minhabba illi kella xi ilmenti minn xi residenti.

3.3 Is-Sindku nfurmat li kienet ser taghmel rapport il-pulizija minhabba il-coaches li qeghdin ikunu ipparkjati fit-toroq matul il-lejl u dawn l-istess coaches qeghdin jiehdu aktar minn parking bay wahda.

3.4 Is-Sindku ressqet komunikazzjoni minn resident fejn din tal-ahhar kienet qeda titlob permess mill Kunsill biex jinfethu il-bollards li hemm fejn Rinella biex tkun tista tnizzel mazzra fil-bahar. Din l-istess persuna qalet lis-Sindku illi minn naha tal-'Maritime Authority' tawha l-awtorazzizzazjoni biex din tkun tista titfa il-mazzra f'Rinella bil-kliem u mhux bil-miktub.

Il-Kunsill kollu qabel illi qabel ma jinfethu dawn il-bollards ghandu jkun hemm awtorazzizazjoni bil miktub minn naha tal–'Maritime Authority', biex b'hekk ahna ikollna prova ta' dan.

3.5 Is-Sindku sahhqet illi minn naha taghha, in-nuqqas ta' parkegg minhabba il progett li qed isir (mcst) ma tarax ghalfejn in-nar tal-festa ghandu jigi mwaqqaf. Hija spjegat illi l-festa tigi darba fis-sena u ghandna insibu kompromess kemm mar-residenti kif ukoll mal-ghaqdiet biex b'hekk kulhadd ikun kuntent.

Ser tkun qed taghmel laqgha mal-ghaqdiet involuti biex insibu kompromess maghhom u minflok it-triq tinghalaq mit–Tnejn ta' qabel il festa tinghalaq mil-Erbgha.

3.6 Is-Sindku nfurmat illi resident talab li jaqra poezija waqt l-attivita' tal-Mafkar 2014. Il-Kunsill qabel li din il-poezija ser tigi inkluza fil-Programm finali.

3.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar l-attivitajiet li ser tkun qed torganizza ghal Jum il-Missier kif ukoll harga kulturali ghall kulhadd;

11/06/2014- Harga Ghawdex ghal Jum il-Missier
18/06/2014 – Harga Kulturali ghall Kulhadd

3.8 Is-Sindku nfurmat li dwar l-attivita' li giet diskussa fil-minuti precedent dwar il-Kuncert li ser tkun qed torganizza fix-xatt. Giet stabilita id-data li hi fit-2 ta' Awwissu. Hija ukoll sahhqet illi kienet ser tkun qed tiftijhem man-nies li ser ikunu involuti f'dan il-Kuncert hi biex b'hekk tohrog attivita' sabiha u jitqajjem naqra ix-Xatt tal-Kalkara.

Is-Sindku spjegat illi jekk ikun hemm xi donazzjonijiet minn naha tan-nies prezenti dawn ser ikunu qeghdin jinzammu biex b'hekk fl-istrina inkunu nistghu nipprezentaw cheque f'isem il-Kunsill tal Kalkara ghan nies fil-bzonn.

## 4. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

### 4.1 ***Vici Sindku – is-Sur Chris Bruno***

a. Is-Sur Bruno isuggerixxa illi l-Kunsill ghandu jkollu ritratt ma' l-Ambaxaturi Lokali (2) iffrejmjat fir-reception tal-Kunsill.

b. Il-Vici Sindku sahaq illi fi Triq l-Genista hemm bzonn ta' poggaman. Is-Sindku Speranza Chircop sahqet illi kienet qed ticcekja mad-Dipartiment tal-Gvern jekk hemmx xi skema relatata mal-hadid fit-toroq.

c. Is-Sur Bruno staqsa jekk bhala Kunsill nistghux nghinu permezz ta' transport organizzat minn naha tal-istess Kunsill ghan nies anzjani li iridu jigu ghall attivita tas-6 ta' Gunju 2014 (Mafkar) b'xi problema ta' mobilita'.

Is-Sindku ser tkun qed ticcekja ma' xi nies residenti li ghandhom,facilita' ta' van li jistghu jghinuna dwar dan l-istess transport.

d. Is-Sur Bruno saqsa lis-Sindku fuq il-flus allokati lill Kunsilliera kollha fil-minuti precedenti jekk humiex eleggibli biex b'hekk ikun jista jibda jahdem fuq attivita' tal-Milied.

Is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera tat il-permess lis-Sur Bruno biex jibda jahdem fuq din l-attivita'.

e. Is-Sur Chris Bruno wera ix–xewqa li ssir laqgha mas Sur Brian Grech ( Police Dept.) biex inkunu nistghu nifthemu mieghu ghal xi attivita' jew demostrazzjoni minn naha tal-Puluzija fil-Kalkara ghal anniversarju tal-Pulizija fi zmien qarib.

### 4.2 ***Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas***

a. Is-Sur Bongailas issugerixxa li kull artiklu li jkun hemm fuq il-gazzetti lokali dwar il-Kalkara ghandu jigi mizmum bhala referenza taghna gewwa il-Kunsill Lokali.

b. Is-Sur Bongailas staqsa fuq ir-rumble strips li kellhom jigu mwahhla gewwa Triq Rinella.

Is-Sindku kella ticcekja mas-Sur Vince Bongailas minhabba li dan tal-ahhar kien qal fil-minuti precedenti li kien hadem fuq xi haga simili bi prezz hafna aktar baxx mis-soltu.

c. Is-Sur Bongailas sahaq illi bhala Kunsill ghandna niehdu hsieb li nibatu email lill-Kumitat tan-Numeragg fil-lokalitajiet biex b'hekk kull residenza tkun imnizzla kif suppost, specjalment fi Triq il-Kapuccini, Triq is-Sienja u fi Triq Patri Mattew Sultana.

d. Is-Sur Bongailas innota li gewwa Triq Marina hemm cab taz-zwiemel li ilha hemmhekk zmien. Hu sahaq li hemm bzonn rapport lill-Pulizija biex din titnehha mill aktar fis possibli.

e. Is-Sur Bongailas issugerixxa illi kif il-haddiema tal-Kunsill kif ukoll tal-ETC u IPSL ikunu lesti minn xi bicca xoghol ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv biex jekk ikun ingabar xi hmieg waqt dan ix xoghol, jigi irrapurtat mal-ewwel u jitnehha minnufih.

f. Is-Sur Bongailas sahaq li hemm bzonn nordnaw timbru tal-Kunsill Lokali ghaliex li qieghed jintuza attwalment ghadu l-arma il-hazina.

g. Il-Kunsillier Bongailas saqsa jekk kienx hemm xi raguni partikolari ghalfejn it-toilets tax–Xatt kienu qeghdin ikunu maghluqa wara nofsinhar.

h. Il-Kunsillier Bongailas sahaq illi l-arblu tal-Kunsill Lokali ghandu bzonn dawra ghaz-zebgha u ghal dak kollu li jrid jinbidel.

i. Is-Sur Bongailas ipprezenta l-ittra ufficjali li natat lilu minhabba li mar il-laqgha dwar l-iskemi tal-Librerji kif ukoll xi kotba donati mill-listess dipartiment ghal Librerija tal Kalkara.

j. Is-Sur Bongailas staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-'European Walled Towns' u kif il-Kalkara qatt ma giet involuta. Huwa sahaq illi ghandu jsir meeting mal-persuni nvoluti ma' din l-ghaqda biex b'hekk il-Kunsill jigi nfurmat l-involviment irid ikollok biex tkun membru.

k. Is-Sur Bongailas innota illi fi Triq Is-Sienja hemm parking bay ikbar minn normal, biex il-haddiema ta' barra tal-Kunsill jiccekjaw hux qieghed konformi mal-ligi u jekk le jitranga minnufih.ghaliex hemm lok ta' zewg parkeggi u mhux wiehed kif qieghed fil-prezent.

l. Is-Sur Bongailas sahaq illi fi Triq Is-Sienja hemm residenta li kienet qed issib problema biex hi tohrog mill garax taghha minhabba il-fatt li hi ghandha karozza kbira. Din ir-residenta xtaqet li bhala Kunsill jghina forsi billi jitrangaw il-linji immarkati fl-art biex hi tkun tista tohrog mill garaxx taghha bla ebda problema.

4.3 ***<u>Kunsillier-Is-Sur Vince Bongailas ghadda dawn il-punti</u>***

a. Is-Sur Vince Bongailas gibed l-attenzjoni fuq ir-ritratt tal-Kunsill il-gdid mhuwiex 'uploaded' fuq is-sit tal-Gvern

b. Is-Sur Vince Bongailas sahaq li hemm bzonn refreshing tal–parking bays tax-Xatt tal-Kalkara specjalment issa li gej iz-zmien tas-sajf, biex b'hekk ikun hemm inqas konfuzjoni ta' traffiku.

**5. KORRISPONDENZA**

5.1 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar il-process tal-lampi il-godda gewwa it-toroq tal-Kalkara. Hija spjegat illi kellmet lill kuntrattur li jahdem mal istess Kunsill fuq id–dawl kien qed jaghmel follow up ma l-enemalta biex b'hekk nghagglu il-process tal-lampi.

Spjegat ukoll illi kellmet ir–residenti li joqghodu fi Triq San Mikiel biex iggib l-approvazzjoni taghhom biex jitwahhlu fanali godda mal-faccata taghhom. Dawn ir-residenti tawha il-permess biex isir dan bla ebda problemi.

Il-Kuntrattur ser ikun qed jipprezenta kwotazzjoni tax-xoghol li jrid isir kif ukoll tal-lampi li jridu jigu mwahhla.

5.2 Is-Sindku nfurmat dwar numru ta' ittri li rcevejna biex bhala Kunsill nohorgu il-permess dwar dawn imsemmija taht;

- Fort Ricasoli Photoshoot
- Ghaqda Muzikali San Guzepp –imwejjed u siggijiet
- Programm tal-festa San Guzepp
- Hruq tan-nhar fl-okkazjoni tal-festa ta San Lawrenz

5.3 Is-Sindku infurmat illi fi triq San Mikiel fejn hemm il-loading u l-unloading hemm bzonn li jitwahhal bin minhabba li qed ikun hemm hafna skart jigri ma' l-art.

5.4 Is-Sindku infurmat li il-Kunsill kollu bi stedina li rcivejna minn naha ta' l-Access din ser tkun qed tintbghat lill Kunsilliera kollha permezz ta' email.

5.5 Is-Sindku spjegat ghalfejn fis-sena 2013 kien hemm diskrepanza fil-prezz tal-fuel. L-Accountant tal-Kunsill mir-ricerka li ghamel spjega illi kuntrattur partikulari tal-Kunsill ghamel perjodu ta' zmien ma jibghatx kontijiet tal-fuel li kien qed juza b'hekk intbghatu 4 invoices b'kontijiet gholjin biex ikun qed jikkaverja dak il-perjodu li ma thallasx tieghu.

5.6 Is-Sindku infurmat lil Kunsill li irciviet ittra minghand resident li joqghod fi Triq Hbit mill-Ajru fejn dan spjega li qed ikun hemm periklu kbir fejn tidjieq it-triq. Il-Kunsill qabel illi ghandu jitwahhal sinjal addattat biex jitnaqqas dan il-periklu.

5.7 Is-Sindku infurmat lil Kunsill illi l 'byelaw' tal-Bajja ta' Rnella se jkun jigi iffinalizzat u mibghut lid-dipartiment biex jibda il-process ta' din l-istess 'byelaw' tigi fis-sehh fi zmien qarib.

5.8 Is-Sindku infurmat lil Kunsill illi fi Triq l-iSptar Navali il-bozoz li hemm diga ser ikun qed jinbidlu b'fanali.

Is-Sindku infurmat ukoll illi fil-passagg ta' din l-istess Triq mhux ser jizdiedu il-bozoz minhabba li ma gewx approvati mill-enemalta

5.9 Is-Sindku infurmat lil Kunsill li fi zmien qarib ser ikunu qeghdin jinhargu it-tenders;

- Life Streaming Equipment
- Perit
- Avukat
- Collection of household waste

5.10 Is-Sindku nformat lill-Kunsill illi wara gwida mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser ikunu qeghdin jinhargu 'internal calls' ghall skrivan/a fuq bazi full time fuq skala 15 li ser tkun qed tigi imhalsa nofs il-paga mid-Dipartiment u nofs mill-Kunsill, kif ukoll 'internal call' ghal skala 16 ghal 'Handy Man'.

5.11 Is-Sindku nformat lill-Kunsill illi hemm bzonn li tinbidel il-photocopier minhabba illi din mhux qed tahdem sew u din hija xi haga li tintuza hafna gewwa l-ufficcju.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

5.12 Is-Sindku nfrumat il-Kunsill bi stedina li rcevejna minghand ir-Regatta Youth Club fejn dawn ta l-ahhar qed jitolbu il-Kunsill ghajnuna finanzjara ta' 116 euro. Il-Kunsill qabel dwar dan unanimament.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fid-21:00hrs u giet aggornata ghal-Hamis 26 ta' Gunju 2014 fil-5:00pm.